MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 71/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Raymond Pullicino**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disgha mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM1,977.64,0), rapprezentanti ammont ta' numru telefoniku 21343528 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok.A.), liema servizz gie stallat fil-fond bin-numru 169, Triq il-Kuncizzjoni, Msida**

**(AT2134/89) u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok.B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-11 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------